Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 194/2015

**Emanuel Schembri (appellant)**

**Vs**

**Reuben Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza ta' Automated Revenue Management Services Limited f'isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma (appellat)**

14 ta' Lulju, 2017.

1. Permezz ta' rikors prezentat fis-26 ta' Gunju, 2015 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), ir-rikorrent talab lill-qorti sabiex tiddikjara li t-talba tal-intimata maghmula b'ittra ufficjali numru 1308/2015 u notifikata fit-8 ta' Gunju, 2015 *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12, hi infondata. L-opposizzjoni tar-rikorrenti hi bazata fuq l-artikolu 2156(f) u (g) tal-Kodici Civili.

2. B'decizjoni tat-18 ta' Jannar 2017 il-qorti cahdet it-talba tar-rikorrent wara li osservat:

> *"(....) pero' meta xehed in kontro-ezami nhar is-27 ta' April 2016 jghid li kien jaf li setgha kien hemm xi bilanc dovut meta dawwar il-meter ghal fuq is-sid pero' jghid li dan kien bilanc zghir ghaliex kieku l-kont ma kienx idur. Mistoqsi x'kien minghalih il-bilanc jghid li ma jafx ghaliex ghadda wisq zmien izda jghid li ma kienx hallas dan il-bilanc peress li kien irranga mas-sid tal-kera tal-fond. Jghid li zgur li ma kienx hemm ammonti kbar.*
>
> *Ghalhekk f'din ix-xhieda hemm accettazzjoni tacita li huwa fil-fatt kellu jaghti xi ammonti minkejja li fil-fehma tieghu kienu zghar u minkejja li l-azzjoni setghet kienet preskritta peress li kienu ghaddew il-hames snin rikjesti mill-ligi ghall-intavolar tal-azzjoni.*
>
> *Madankollu l-Qorti trid taghti piz lix-xiehda in kontro-ezami tar-rikorrenti kif identifikata aktar 'il fuq fejn ir-rikorrenti ma jinsistix li ma hux debituri izda jghid li seta kien ghad hemm bilanc zghir izda li ma kienx jaf l-ammont. Kwindi jammetti li l-hlas ma sarx u ma sarx minhabba li ma kienx jaf kemm kien hemm pendenti"*.

3. **<u>Fatti.</u>**

   i. Ir-rikorrent kien f'xi zmien l-utent registrat fir-rigward tal-fond 30, Ian, Triq il-Mandolina, Birzebbugia. Fil-fatt ghamel xi zmien ighix f'dan il-fond.

   ii. F'xi zmien, **mhux maghruf meta**, ma baqax hekk registrat ghaliex sar *transfer* tal-meters fuq terza persuna.

iii. Fit-12 ta' Awissu, 2003 il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma (Water/Electricity Revision (Credit)) baghtet avviz lir-rikorrent dwar il-fond Ian House, 30, Triq il-Mandkolina, Qajjenza fejn infurmatu li l-kont ghall-perjodu 7 ta' Mejju 2001 sas-7 ta' Settembru, 2001 kien gie rivedut u sar tnaqqis ta' Lm56.04 u li l-bilanc li kien ghad fadallu x'ihallas kien Lm527.51.

iv. Fit-22 ta' Mejju, 2004 regghet intbaghatet ittra ohra u r-rikorrent gie mitlub ihallas il-bilanc u li fin-nuqqas kien ser jigi sospiz l-elettriku fil-fond fejn kien ighix.

v. Fiz-7 ta' Awissu, 2004 inhareg avviz finali.

vi. L-indirizz fejn intbaghtet din il-korrispondenza hi 9A, Triq it-Tigrija, Marsa li skont ir-rikorrent hi d-dar fejn tghix ommu.

vii. Fit-8 ta' Gunju, 2015 l-intimata ipprezentat ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12, fejn fost affarijiet ohra interpellat lir-rikorrent sabiex ihallas is-somma ta' €1,306.80 ghas-servizz ta-dawl u ilma li kien hemm fil-fond 30, Ian, Triq il-Mandolina, Birzebbugia.

viii. Mir-rendikont a fol. 46 jirrizulta li l-ammont pretiz mill-intimata jirreferi ghall-kontijiet tal-1 ta' April, 2000 sal-14 ta' Frar, 2002.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

4. Mhemmx dubju li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri ghallinqas, jekk mhux qabel, mid-data li nhargu l-kontijiet. Skont ir-rendikont a fol. 46 il-kontijiet hargu f'perjodu mill-1 ta' April, 2000 sal-14 ta' Frar 2002.

5. Fis-seduta tas-27 ta' April, 2016 ir-rikorrent xehed li kien ilu tmintax-il sena li telaq mill-fond. Min-naha l-ohra fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2016 martu qalet, *"... nahseb li ghaddew xi tletin sena"*. Ir-rikorrenti ma pprezentaw l-ebda prova dokumentarja jew xhud li jixhet dawl dwar il-perjodu li matul ghexu fl-imsemmi fond. Il-qorti ghandha dubji serji kemm dawn il-verzjonijiet huma korretti meta tqies:

(a) Ir-rikorrent qal li meta telaq mill-fond, ma baqax registrat bhala l-utent tas-servizz;

(b) Is-somma ta' €1,228 tirreferi ghall-kontijiet li hargu fis-sena 2000 sa' Frar 2002;

(c) L-ittri datati 12 ta' Awissu, 2003; 22 ta' Mejju, 2004 u 7 ta' Awissu 2004 huma **kollha** indirizzati lir-rikorrent u bl-indirizz tad-dar fejn tghix ommu. Ittri li kienu qeghdin jirreferu ghall-kontijiet li hargu fil-perjodu l-1 ta' April 2000 sa Frar 2002. Mela probabbilment sa dak iz-zmien kien ghadu ma sarx it-transfer f'isem it-terza persuna, iktar u iktar meta tikkunsidra li r-rikorrent xehed li, *"... meta gejt biex nitlaq dawwart il-kont u meta jiena*

*effettivament kont tlabt il-kont idur minn fuq ismi ghal fuq haddiehor konna hadna r-reading".* Hekk biss il-qorti tista' tifhem li l-korrispondenza kienet qeghda tigi indirizzata lill-appellant.

6. Fis-seduta tas-27 ta' April, 2016 ir-rikorrent xehed:

> *"Mistoqsi x'kien minghalija l-bilanc dovut nghid illi ghadda wisq zmien. Ma nafx **u jiena ma kontx hallast dan il-bilanc** peress li kont irrangajt ma' sid il-kera. Is-sid il-kera ghidtlu li jekk ikun hemm xi bilanc jigi ghandi u ntih il-bilanc u peress illi kien jafdani b'ghajnejja maghluqa konna ftehemna hekk li kellna nhallsu l-bilanc **pero zgur li ma kienx hemm hafna minkejja li naf li l-kont kien f'ismi u l-bilanc kien jghajjat lili**".*

Minn dan il-kliem hu evidenti li r-rikorrent:

i. Irrikonoxxa li kien hemm bilanc dovut lill-intimata;
ii. Ammetta li ma kienx hallas dak il-bilanc;

Verzjoni li tikkontradici ghal kollox dak li xehed fl-affidavit (fol. 26):

> *"Jiena mhux biss qatt ma rcevejt kontijiet ta' dawn iz-zewg postijiet imsemmijin fid-dokumenti li qeghdin iressqu issa l-Enemalta imma nghid li ma ghandi naghti xejn ghax jiena fil-fatt lanqas kont qed nikkonsma u jew nuza l-meters tal-istess postijiet".*

L-appellant argumenta:-

> *"Dak li qal l-appellant kien li mas-sid kien ftiehem li jekk johrog xi kont zghir wara li jkun telaq u wara li dawwar il-kont fuq is-sid, ifittxu u jhallsu. Si et quatenus. Imma l-ebda sid ma mar ifittxu biex ighidu li hemm kont x'jithallas. Kollox kien fil-kondizzjonal meta xehed u skont dak li tghid is-sentenza stess meta ghamlet ir-rakkont twil tax-xhieda. Hemm bidla kbira meta ghamlet sunt ghall-argument legali".*

Ighid x'ighid l-appellant, ammetta li kien hemm bilanc dovut li kellu jithallas minnu u li fil-fatt ma hallasx. Jekk mhux b'mod dirett zgur li b'mod indirett jigi li ammetta li hu debitur. Ghal finijiet ta' preskrizzjoni estintiva mhuwiex importanti kemm kien l-ammont. Materja ta' rinunzja ghall-preskrizzjoni hi kwistjoni ta' fatt li trid tigi deciza mill-gudikant. Il-qorti lanqas ma temmen li r-rikorrent ma kienx jaf x'kien il-bilanc dovut gialadarba hu stess xehed li qabel telaq mill-fond kien ha r-*readings* u qaleb is-servizz fuq terz.

7. Il-qorti zzid li wkoll skont l-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, whud mill-preskrizzjonijiet qosra (fosthom l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili) m'ghandhomx effett:

> *"jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa".*

Kif rajna meta l-appellant xehed (seduta 27 ta' April, 2016) qal li ma hallasx il-bilanc (irrispettivament x'kien l-ammont). Ghalhekk il-qorti meta tqies ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 2160, irrispettivament jekk dak li xehed kienx in kontro-ezami jew wara li nghata l-gurament kontemplata fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, ma tarax kif jista' jiehu beneficcju mill-artikolu 2156 tal-Kodici Civili.

8. L-appellant ghamel ukoll riferenza ghall-artikolu 2160 tal-Kodici Civili u argumenta li ma kienx korrett li l-qorti tippermetti li jsir il-kontro-ezami u mhux il-gurament skont dik id-disposizzjoni. F'dan il-kaz l-appellant xehed minn jeddu permezz ta' affidavit (ara fol. 25). Ladarba r-rikorrent ghazel minn jeddu li jixhed, il-kontroparti kellha kull jedd li taghmillu l-kontro-ezami. Jekk ikun mod iehor jfisser li r-rikorrent jista' jghid li jrid minghajr ma jigi kontrollat. Dan zgur mhux il-mod kif jigi garantit il-jedd ghal smiegh xieraq.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.